SAN ĠILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 36/K4/04

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 30/09/'04** **181**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 30/09/'04** **234**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru 2004.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Ħames membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Skużati: Il-Kunsillier Marcel Scicluna u l-Kunsillier Norman Vella.

1.05 Preżenza tal-pubbliku: 4

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-24 ta' Settembru 2004. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Xatt tas-Sajjieda
4. Embellishment
5. Residential Parking
6. Skips
7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

1.2.02 Qabel bdiet il-laqgħa ċ-Chairman Peter Bonello talab sospensjoni sabiex issir diskussjoni mar-rappreżentanti ta' l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti.

1.2.03 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.2.04 Il-Kunsillier John Agius wasal 2.35p.m.

1.2.05 Il-laqgħa tkompliet fit-3 p.m.

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 35/K4/04 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 35/K4/04.

1.3.03 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 2926 | Reminder mingħand il-Water Services Corporation rigward ammont pendenti dwar materjal li ntuża għas-servizz ġdid ta' l-ilma numru 113051. |
| 3015 | E-mail mingħand is-Supretendent Bartholomew Mula rigward 'Tow Zone' fi Triq il-Mensija. |
| 3121 | Ittra mingħand it-Traffic Management Directorate rigward 'Tow Zone' fi Triq il-Mensija. |
| 3112 | Ittra mingħand il-Maltapost plc rigward 'letter box-cum-depositary box' installata fi Triq San Mark. |
| 3167 | Ittra mingħand AVMT Advocates rigward Mrabat Lane. |
| 3259 | Ilment mingħand is-Sur Alexander Borg rigward Mrabat Lane. |
| 3284 | E-mail mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Skema tas-Saħħa. |
| 3337,3338 | Faxes mingħand id-Diviżjoni tax-Xogħolijiet u t-Traffic Manage - |

& 3354 ment Directorate rigward l-għeluq tal-Pjazza ta' Paceville.

3398 Parir legali mingħand Hugh Peralta & Associates Advocates rigward ħsarat li saru lill-familja Caruana.

3402 E-mail mingħand Allsafe (Malta) Limited rigward safety courses.

3448 Quotation mingħand Cleansing Services Department biex jinħasel it-taraġ li jagħti għall-knisja.

3453 Fax mingħand it-Traffic Management Directorate rigward permess għall-parkeġġ għas-Sinjuri Azzopardi.

3532 E-mail mingħand il-Maltacom plc rigward talba għal permess speċjali waqt li jkunu qedgħin jagħtu servizz lill-klijenti.

3543 Ittra mingħand id-Dipartiment għas-Servizzi ta' l-Indafa rigward estenzjoni tal-kuntratti.

3465 Ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward forum ġewwa Pariġi li ser jittella' bejn 25 u 26 ta' Novembru, 2004.

3511 Acknowledgement mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar rigward petizzjoni minn residenti fuq bini ta' skola tal-lingwi.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru 2926

B'riferenza għar-reminder mingħand il-Water Services Corporation rigward ammont pendenti dwar materjal li ntuża għas-servizz ġdid ta' l-ilma numru 113051, il-Kunsill ġie infurmat li s-Sur Frank Scicluna, il-persuna mingħand min il-Kunsill xtara l-post amministrattiv, kien responsabbli għal dan il-kont. Madankollu s-Sur Scicluna baqa' ma ħallasx dan il-kont għalkemm l-amministrazzjoni kelmitu kemm il-darba.

Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat bil-każ l-avukat tal-Kunsill biex jieħu kull azzjoni neċessarja.

2.03 Rif. Nru 3121

B'riferenza għar-risposta mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta rigward it-tabelli ta' 'Tow Zone' fi Triq il-Mensija, ġie deċiż unanimament li tintbagħat kopja ta' l-ittra li rċevejna lis-Supretendent Bartholomew Mula.

2.04 Rif. Nru 3167

B'riferenza għall-ittra mingħand AVMT Advocates rigward Sqaq Mrabat, ġie deċiż unanimament li kopja ta' din l-ittra flimkien ma' l-ittra li l-Kunsill kien irċieva mingħand id-Dipartment ta' l-Artijiet f'dan ir-rigward (rif. 320 / 97), jintbagħtu lid-Dipartiment ta' l-Artijiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jiġi kkonfermat liema risposta hija tajba.

2.05 Rif. Nru 3259

Saret riferenza għall-ilment mingħand is-Sur Alexander Borg rigward Sqaq Mrabat. Peress li għadu mhuwiex ċar jekk Sqaq Mrabat huwiex privat jew le ġie deċiż unanimament li tintbagħat kopja ta' dan l-ilment lill-Pulizija sabiex jivverifikaw jekk iż-żewġ bollards msemmija fl-ilment humiex ta' periklu għall-pubbliku jew le. F'każ li jirriżulta li hemm periklu għall-pubbliku l-Kunsill jieħu kull azzjoni meħtieġa, madankollu jekk dan mhuwiex il-każ dan l-ilment jibqa pendenti sakemm il-Kunsill ikollu il-konferma jekk Sqaq Mrabat huwiex privat jew le.

2.06 Rif. Nru 3337, 3338 u 3354

B'riferenza għall-faxes mingħand it-Taqsima tax-Xogħolijiet ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra fejn il-Kunsill jesprimi li m'għandu l-ebda responsabbilta għall-ħsarat li saret fuq il-coach imsemmija jew fuq xi inċidenti oħra.
Madankollu s-Sindku Peter Bonello ser jiddiskuti ma' l-ADT il-ħinijiet tat-tabelli.

2.07 Rif. Nru 3398

B'riferenza għall-ittri mingħand Hugh Peralta & Associates Advocates rigward parir legali għal ħsarat li saru lill-familja Caruana, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill m'huwiex responsabbli għall-ħsarat li saru mill-kuntrattur. Madankollu għandha tintbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bil-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill biex tiżdied klawsola fil-Kundizzjonijiet Ġenerali ta' l-Offerti.

2.08 Rif. Nru 3448

B'riferenza għall-kwotazzjoni mingħand il-Cleansing Services Department biex jinħasel it-taraġ li jagħti għall-knisja, ġie deċiż unanimament li din il-kwotazzjoni ma tiġix aċċettata.

2.09 Rif. Nru 3453

B'riferenza għall-fax mingħand it-Traffic Management Directorate rigward permess għall-parkeġġ għas-Sinjuri Azzopardi ġie deċiż li s-Sinjuri Azzopardi jiġu nfurmati biex jirreferu t-talba tagħhom lill-pulizija.

2.10 Rif. Nru 3532

B'riferenza għall-e-mail mingħand il-Maltacom p.l.c. rigward talba għall-permess speċjali waqt li jkunu qegħdin jagħtu servizz lill-klijenti, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, għaldaqstant ġie deċiż unanimament li tinħarġilhom ittra simili għal dik li ħarġu l-Kunsill Lokali Sliema.

2.11 Rif. Nru 3543

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għas-Servizzi ta' l-Indafa rigward estenzjoni tal-kuntratti ġie deċiż unanimament li jintalab li l-kuntratt kif inhu jiġi estiż għal sitt xhur oħra minħabba li f'Marzu hemm l-elezzjoni.

2.12 Rif. Nru 3465

B'riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għat-tibdil li saru fl-arranġamenti dwar ħlas ta' spejjeż għall-forum ġewwa Pariġi, li ser jittella' bejn 25 u 26 ta' Novembru 2004.

2.13 Rif. Nru 3511

B'riferenza għall-acknowledgement mingħand l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar rigward petizzjoni minn residenti fuq bini ta' skola tal-lingwi f'Ta' Ġiorni, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ukoll joġġezzjona għall-ftuħ ta' din l-iskola.

**3. Xatt tas-Sajjieda**

3.01 Saret riferenza għall-estratt tal-minuti 32/K4/04 datati 27 ta' Mejju 2004 (Ara Appendiċi 'A') u għal-laqgħa li saret ma' l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti Ġiljaniżi, qabel bdit il-laqgħa .

3.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsillier Robert Camenzuli jiġbor stejjem dwar grada elettronika b'sistema ta' użu ta' 'card'.

3.03 Madankollu il-Kunsillier Robert Camenzuli għandu jipprepara 'draft' ta' Bye Laws dwar ix-Xatt tas-Sajjieda biex tiġi diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill.

**4. Embellishment**

4.01 Is-Sindku Peter Bonello informa lill-Kunsill li kienet saret laqgħa mas-Sur Lawrence Vassallo u s-Sur Salvo Cesareo mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent dwar fondi disponibbli għall-Kunsill ta' madwar Lm20,000; liema fondi ġejjin min-naħa tal-MEPA. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li għall-proġetti li ser jiġi ssuġġerit għandha ssir stima inkluż pjanti għall-ispejjeż tal-Kunsill.

4.02 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li dawn il-fondi jintużaw biex:-

- ✓ Isir embellishment tal-bajja ta' ħdejn il-Banis, minn ħdejn il-Cavallieri Hotel sa ħdejn ir-Raffaele Restaurant. Hawnhekk jinbidel il-madum u jsiru l-bankijiet.
- ✓ Tiġi rranġata Grenfell Junction.
- ✓ Issir embellishment tar-roundabout ta' Triq Wilġa.
- ✓ Tiġi rranġata d-daħla ta' faċċata ta' fejn il-Water Polo Club ta' San Ġiljan.

4.03 Ġie deċiż unanimament li tintuża l-proċedura tal-'joint ventures' bejn il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura u l-Kunsill Lokali (Ara Appendiċi 'B' (Inc. 3775 datata 10 t'Ottubru 2003).

## 5. Residential Parking

5.01 Il-Kunsill ġie pprezentat bid-dokument li ġie mitlub mill-Awtorita' Dwar it-Trasport. Dan fih ċerti dettal għal kull triq fejn ser jiġi ntrodott ir-'residents' parking scheme' (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament illi mad-dokument li ser jintbagħat lill-Awtorita' Dwar it-Trasport jitressqu dawn ir-rakkomandazzjonijiet:-

- ✓ Ir-Residenti jipparkjaw mingħajr restrizzjoni.
- ✓ Mit-8.00a.m. sat-8.00p.m., 25% mit-toroq li jippermettu jsiru li jista' jipparkja l-pubbliku mingħajr restrizzjoni filwaqt li l-kumplament tal-75% jiġi ntrodott *'timed parking'* ta' *'2hrs or 2hrs 30mins and no return within 1hr'* fl-istess żona.

## 6. Skips

6.01 Ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ Fi żmien tlett xhur jitneħħew l-iskips kollha li għandu l-Kunsill fil-lokalita' minħabba diversi ilmenti mir-residenti.

- ✓ Jekk wara li jitneħħew dawn l-iskips ikun hemm min jilmenta għax iridhom, il-Kunsill ikun lest li jerġa jagħmilhom dment li jitpoġġew quddiem il-bieb tagħhom.
- ✓ Isir artiklu fil-magażine tal-Kunsill li ser jitneħħew l-iskips kollha.
- ✓ Tintbagħat ittra lir-residenti b'informazzjoni.

**7. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

7.02 Il-Kunsillier Nicky Pillow ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier John Agius issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Gie deċiż unanimament li minbarra dawn il-pagamenti jitħallsu l-kontijiet tan-Northern Cleaning, Cleaning Services Dept, Chanor Ltd, Joseph Farrugia dment li jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager. Minbarra dawn jitħallas ir-reimbursement lill-Kunsillier Nicky Pillow u il-kontijiet tal-Contracts Manager.

**8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1698 sa 1718 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Il-Kunsillier John Agius ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

8.03 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Materji Oħra**

9.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

9.03 Ġie deċiż li l-ittra li ġiet ippreżentata lill-Kunsill (Ara Appendiċi 'F') tintbagħat lill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern l-Onor.Tonio Borg u lis-Segretarju Parlamentari għall-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici.

9.04 Ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel pjanta fejn għandhom jitqegħdu l-gabbani tal-festa.

9.05 Ġie deċiż li:-

- ✓ Isiru bollards ħdejn il-monument tal-LOVE biex ma jinżlux karozzi fuq ix-Xatt.
- ✓ Isiru ‘Cats Eyes’ ħdejn il-bus shelter fi Triq Ta’ Ġiorni.
- ✓ Isiru litter bins mal-Bus Stops.
- ✓ Jiġu irranġati l-isem ta’ Triq Marmora u Triq Michelangelo Borg peress li mkissrin.
- ✓ Isir in-numru tal-vettura mar-reserved parking tal-persuni b’disabilita’

9.06 B’riferenza għall-minuti 35/K4/04 taqs.8 para 8.10, iċ-Chairman Peter Bonello nforma lill-Kunsill li l-bankijiet fi Triq Ġorġ Borg Olivier tħallew kif kienu minħabba li kien hemm diversi nies li talbu li jibqgħu hekk.

9.07 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

9.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser jitkompla l-embelishment tal-bajja ta’ San Ġorġ f’Ottubru 2004. Madankollu ċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li ser jiġu ntrodotti il-‘Parking meters’ u li ma jaqbilx li jitneħħa l-kiosk tal-ġelati li ilu hemm għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena.

9.09 Il-Kunsill ġie nfurmat li fl-14 t’Ottobru 2004 jagħlqu l-offerti ta’ ‘Chewing Gum Removal from Pavement’.

9.10 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fis-16 ta’ Settembru 2004 saret laqgħa dwar is-separazzjoni ta’ skart u l-għajnuna teknika li qed tingħata mill-Unjoni Ewropea taħt it-2003 National Pre-Accession Programme for Malta. Għaldaqstant tqassmet l-informazzjoni lill-kunsilliera, dwar din il-laqgħa biex min għandu xi kummenti jew suġġerimenti jgħaddihom lill-Kunsill mill-aktar fis possibli.

9.11 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li Dr. Ronald Cuschieri ta’ l-Environmental Landscaping Consortium ġie avviċinat minn xi rappreżentanti minn Catania li urew ix-xewqa li jsir twinning mal-Kunsill ta’ San Ġiljan.

9.12 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li Dr. Cuschieri jiġi nfurmat li l-Kunsill huwa interessat.

9.13 Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li ġie avviċinat minn Ms Ester Omar li talbet sabiex jiġu maħfura l-ammont ta' madwar Lm190.00 f'kontravvenzjonijiet minħabba problemi li ħallielha r-raġel.

9.14 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jirrinunzja l-ammont dovut.

9.15 Iċ-Chairman għamel riferenza għall-Minuti 35/K4/04 taqsima 8 paragrafu 8.07 – 8.08 dwar id-deċiżjoni li ttieħdet biex tiġi rranġata l-bankini fi Triq il-Kbira, in-naħa ta' ħdejn il-ħwienet tal-Pjazza tal-Balluta u l-bankina fi Triq ta' Ġiorni sejjer lejn San Ġwann fejn ġie deċiż li tintuża is-sistema ta' joint venture bejn il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura u l-Kunsill. Huwa nforma lill-Kunsill li jekk ix-xogħol ma jsirx sa l-aħħar t'Ottubru kien ser iqabbad lill-kuntrattur tal-Kunsill biex jagħmel ix-xogħol.

9.16 Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker irringrazzjat lill-Kunsill ta' l-opportunita' li taħa biex attendiet is-7 Kungress ta' l-UDITE.

9.17 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill li fl-20 t'Ottubru 2004 kienet ser torganizza 'self funding activity'.

9.18 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |